TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 254/10

**Eugenio Grech**

**vs**

**BDI**

Illum 16 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tmien mija u ħamsu u sebgħin ewro (€1,875), rappreżentanti prezz ta' sufan għax kellu d-damage.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *corner full leather Grade R sofa* u tħallas kollu pero' wara li ġie kkonsenjat, innutaw immedjatament illi kellu recliner seat bil-ħsara. Minkejja l-wegħdiet li kellhom mingħand is-soċjeta' intimata li kellhom isewwuh, dawn xorta baqgħu bl-istess problema u għalhekk kellhom jiftħu l-kawża.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehrietx għas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-ħin tas-seduta kienet għada ma bagħtitx risposta bil-miktub.

It-Tribunal ra wkoll r-ritratti tas-sufan.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600), b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimta, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888